MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Numru 709/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**Vs**

Carl Bonnici

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Carl Bonnici detentur ta' karta ta' identita' numru 479478(M), akkuzat talli:

Gewwa l-club tal-bocci fi Triq id-Dahla ta' San Tumas Zejtun, fit-23 ta' Lulju 2001 u fiz-zmien ta' qabel, bhala il-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jistgha jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni

EneMalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ai termine tal-artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni bi ksur tal-artikolu 326(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Billi giet esebita ittra mill-Korporazzjoni EneMalta, fejn l-istess Korporazzjoni irtirat l-kwerela, u ddikjarat li ma hemm ebda pendenza;

Il-Qorti ghaldaqstant tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------